MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 338/1998/1

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Caroline Schembri sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Caroline Schembri u b'nota tal-10 ta' Jannar 2000 is-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti.**

**Vs**

**Ivan Chetcuti.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li

jhallas lill-istess attur nomine et is-somma ta’ tlett mija u sitta u sebghin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm376.49) rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f’incident awtomobilistiku tal-1 ta’ Dicembru 1996, gewwa Ta’ Qali, bejn il-vettura numru M 1999 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru W 7720 misjuqa minn Edward Schembri u proprieta’ tal-assikurata tal-attur nomine, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Awissu, 1997, u bl-imghax mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi huwa jirrespingi l-pretensjonijiet vantati mill-attur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-assikurat tas-socjeta’ attrici kienet unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.
2. Salvi eccezzjonjiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inklusa in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut a fol 92 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti mill-<u>iskizz</u> maghmul minn <u>PS 455 Emanuel Sammut</u> (fol42 tal-atti) dan l-incident gara’ faccata tal-“V.I.P. entrance” fl-Istadium Nazzjonali gewwa Ta’ Qali. Ghandu jigi notat mill-istess skizz illi, fuq in-naha tax-xellug taz-zewg vetturi involuti, tinsab entratura ohra’ cjoe’ dik indikata bhala “<u>Fire Brigade Mounted (Police) etc ground entrance</u>’.

In rigward il-vetturi involuti, dawn kienu karozza tal-marka Vauxhall numru W7720 u “horse carrier truck’ appartenenti lill-Pulizija, tal-marka “Bedford” numru M 1999. In rigward l-istess PS 455 Emanuel Sammut, jigi notat li fir-<u>rapport</u> tal-incident esebit minnu, ma kienx

ivverbalizza l-versjoni tal-fatti moghtija miz-zewg sewwieqa u dan kontrarjament ghal dak li xehed kif jidher a fol 40 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi l-karozza msemmija assikurata mal-attur nomine kienet qed tinsaq minn Edward Schembri, ir-ragel tal-attrici u dan xehed (fol 15 et seq ibid) illi qabel ma gara l-incident , hu ried jidhol fiz-zona ta' parkegg riservata ghal "V.I.Ps". Pero hawnhekk kellu jieqaf minhabba li kien hemm ambulanza wieqfa u tostakolah milli jkompli jsuq. L-istess xhud sostna li kien dam, hekk wieqaf "… qiesu 7/10 minuti' sakemm l-ambulanza instaqet. Inoltre, fuq il-genb tieghu, kien hemm 'vettura' tal-Pulizija li permezz taghha jingarru zwiemel. Dwar l-incident, l-istess xhud sahaq li, waqt li kien ghadu wieqaf, ('Filfatt jiena kont wieqaf kif kont qabel ma ccaqalqet l-ambulanza") hu sema' hoss u nnota li l-vettura tal-Pulizija kienet laqtet il-karozza misjuqa minn "fuq il-'mudguard' ta' quddiem" tal-lemin. (ara r-ritratt esebit mill-istess attur a fol 20 tal-atti) kif ukoll l-'affidavit' sottomess minn John Callus, is-'surveyor' f'dan il-kaz a fol 45 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut xehed, permezz ta' 'affidavit' a fol 76 et seq ibid u l-kontro esami a fol 86 et seq ibid" , illi, waqt li kien qed jsuq l-imsemmi 'truck', fi kliemu stess '…. Gholi qiesu 'container', hu kellu mieghu lil P.C. 1395 David Abela riekeb, fuq in-naha tal-passiggier u PC 405 Joseph Camilleri riekeb fuq wara. Kif wasal barrra mill-'istadium', hu kien intenzjonat illi jidhol minn dik l-entratura gja msemmija u li kienet fuq ix-xellug tal-vetturi involuti. Pero minhabba li kien hemm vetturi ohra weqfin quddiemu, hu stenna, ghal madwar ghaxar minuti fil-kju ta' vetturi, bil-magna tat-'truck' mixghula, bl-'indicator' mixghul u bir-roti tal-istess 'truck' di gja miksurin sakemm l-imsemmija entratura infethet. Hawnhekk il-kju ta' vetturi, fosthom ambulanza u magna ghat-tifi tan-nar kif ukoll it-'truck' misjuq minnu bdew miexjin. Pero, fi kliem l-istess xhud '…lqatt karozza ohra li kienet dahlet bejn il-vettura taghna

u bejn il-karozzi pparkjati fuq ix-xellug taghna. Ix-xhud, dwar dan, kompla biex jghid "Jien ma rajthiex din il-karozza u lanqas stajt naraha. Ghaliex l-mera' taqbad min nofs it-trakk lura'.

Difatti hu sostna li kien ra ghall-ewwel darba l-karozza l-ohra wara l-habta, meta nizel mill-istess 'truck'. Inoltre hu eskuda li l-istess karozza milquta setghet kienet hemm '.. wieqfa qabel wasalna ahna'. L-istess konvenut imbaghad irrefera ghall-iskizz tal-incident u indika ghaliex ma kienx jaqbel ma' dan id-dokument principalment minhabba li fuqu ma jidhirx l-imsemmija karozza parkaggata fuq ix-xellug. Difatti kien ittiehed ritratt ftit wara l-incident u li jinsab a fol 59 tal-atti minn fejn wiehed seta' jara il-posizzjoni ta' dawn il-vetturi parkeggati kif ukoll dawk involuti fil-kollisjoni in esami.

Illi l-imsemmija PC 1395 David Abela u PC 405 Joseph Camilleri gew prodotti sabiex jixhedu (fol 56 u fol 60 et seq ibid). L-ewwel wiehed, li, filfatt esebixxa ir-ritratt imsemmi fl-ahhar paragrafu mehud minn Pulizija iehor, fis-sustanza, kkonferma dak li xehed il-konvenut. Pero' jigi notat li hu xehed illi kien bil-qeghda ma genb il-konvenut u "kif infetah il-bieb u bdejna mexjin, ksirna, pero' dahlet karozza minn naha tal-'left' taghna u filfatt ilqattnih bir-rota taghna, gja miksura …" u "Jiena l-vettura l-ohra rajtha x'hin sar l-incident". In rigward it-tieni wiehed, jkun sufficjenti li jinghad illi, kif xehed testwalment, ma stajtx nara x'gara waqt l-incident".

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, dan hu kaz fejn a bazi tal-provi li gew prodotti quddiem din il-Qorti, tinsab rinfaccjata b'zewg versjonijet konfliggenti bejniethom. Dwar dan ta' min jinnota illi jissusisti konflitt gravi bejn l-iskizz sottomess u r-ritratt esebit in atti a fol 59. Difatti minn dan l-ahhar dokument jidher evidenti illi effettivament kien hemm karozzi parkeggata fuq ix-xellug taz-zewg vetturi involuti. Ghalhekk dan l-iskizz ma jistax jigi ritenut bhala affidabbli.

Illi, mill-istess provi, ma irrisultax b'mod car, liema vettura, minn dawk involuti, kienet "fil-post l-ewwel" (fol 93 ibid para 4). Difatti dwar dan il-punt Edward Schembri kif di gja inghad, kien xehed testwalment "… fuq il-genb tieghu (presumibilment waqt li kien wieqaf) kien hemm vettura tal-Pulizija" minghajr ma semma meta din il-vettura waslet fuq il-post jew jekk waslet kienu qablu jew warajh. In rigwad dan il-konvenut sostna li meta wasal fil-post u waqaf, il-vettura misjuqa mir-ragel tal-attrici ma setghetx kienet hemm.

Illi ghalhekk punt bhal dan li hu kardinali sabiex tigi stabbilita r-responsabilita ta' dan l-incident ma giex stabbilit mill-provi prodotti.

Ikkunsidrat

Illi, pero, jigi notat illi l-konvenut kien sostna illi waqt li kien wieqaf kellu l-'indicator' mixghul u r-roti gja miksurin. Il-fatt kien illi kellu l-'indicator' mixghul lejn ix-xellug u ma ghandux jesenta lill-konvenut minn mir-responsabilita' . Difatti l-konvenut, xorta wahda, kellu jara u jaccerta ruhu li fuq ix-xellug tieghu ma kienx hemm vetturi. Dwar dan, hu stess xehed illi permezz tal-mera, presumibilment dik esterna fuq ix-xellug, hu seta' jara biss minn nofs it-triq lura. Ghalhekk, tenut kont ukoll tal-kobor tat-'truck' misjuq minnu, kien jispetta lilu sabiex, qabel ma jibda jsuq lejn ix-xellug, jara illi bejn l-istess 'truck' u l-karozzi parkeggati ma kienx hemm vettura ohra . Ma jirrisultax, mix-xhieda tieghu stess, illi hu ha din il-prekawzjoni, li hu seta jiehu bl-assistenza, ukoll, tal-pulizija li kien bil-qeghda hdejh. Hawnhekk ta' minn jghid illi kull sewwieq hu obligat, meta jkun ser jibdel id-direzzjoni illi mhux biss jixghel l-indicator izda jiehu prekawzjonijet ohra fosthom l-accertament li ghadu kemm gie premess.

Illi, minn naha ta' Edward Schembri, l-Qorti ma ratx illi dan kien b'xi mod negligenti b'tali mod li seta' jassumi r-responsabilta' ghal dan l-incident anke fuq livell ta' kontributorjeta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-‘quantum’ ta’ danni pretiz fl-avviz, liema ’quantum’ ma giex kontestat, issir referenza ghar-ritratt esebit a fol 20 kif ukoll ghad-dokumenti l-ohra a fol 22 u a fol 26 sa fol 28 tal-istess atti minn fejn jirrisulta illi l-istess ‘quantum’ pretiz hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm376.49,0; u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine is-somma ta’ Lm376.49,0 bl-imghax legali mid-29 ta’ Awissu 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’Awissu 1997.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------